MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2005

Numru 354/2005

Il- Pulizija

(Spettur Pierre Grech)

-vs-

Pasquale Calandra

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Pasquale Calandra iben Giuseppe u Liberata Rocco, imwieled Eboli l- Italja, nhar it- 13 ta’ April 1966, residenti Sundown Court, Apt H, 108, Kappara, Malta, detentur tal- passaport Taljan numru A 625720.

U akkuzat talli f’ dawn il- Gzejjer fit- 18 ta’ Novembru 2005 u matul l- ahhar tmintax il- xahar qabel din id- data:

Kellu fil- pussess tieghu id- droga kokajina, specifikata fl- ewwel skeda tal- Ordinanza dwar il- medicini perikoluzi Kap 101 tal- Ligijiet ta' Malta lil- persuna jew persuni jew ghall- uzu ta' persuna/I minghajr ma kellu licenzja mill- President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir- regoli tal- 1939 ghall- kontroll intern tad- drogi perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill- President ta' Malta li jforni d- droga u minghajr ma kien fil- pussess t' awtorizzazjoni ghall- importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit- Tabib Principali tal- Gvern skond id- dispozizzjonijiet tas- sitt taqsima tal- Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l- istess droga u dan bi ksur tar- regoli tal- 1939 ghall- kontroll intern tad- drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal- Odinanza dwar il- Medicini Perikoluzi Kap 101 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat in- nota tal- Avukat Generali.

Rat li l- akkuzat ma oggezzjonax li l- kaz tieghu jigi trattat minn din il- Qorti bi procedura sommarja.

Rat li l- akkuzat ammetta l- akkuzi migjuba kontrih u tenna wara li l- Qorti fissritlu xi tfisser ammisjoni u taghtu zmien biex jerga jahsibha, dejjem fil- prezenza tal- avukat tieghu.

Issibu hati.

Rat il- Kap 101 l- GN 292/1939; tat ukoll l- art 22 tal- Kap 446 li ser tapplika stante il- kondotta nadifa ta' l- akkuzat hi ikkopera bis- shih mal- pulizija.

Fil- waqt li ssibu hati tilliberah taht il- provedimenti ta' l- art 22 tal- Kap 446 b' dan li ma jghamilx reat iehor fi zmien sitt xhur (6) m' illum. Il- Qorti qed tfisser lil hati b' mod car l- import ta' din is- sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------